MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta ta' l-10 ta' Mejju, 2012

Numru. 944/2009

Il-Pulizija
(Sp Joseph Mercieca u Sp Tony Cachia)
vs
Clint Micallef, iben Paul, imwieled Pieta’ fis-9 ta’ Settembru, 1990, karta ta’ l-identita numru 430090(M)

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat talli fil-11 ta’ Settembru, 2009, għal ħabta tas-7.30 p.m. ġewwa Pjazza San Nikola, Siġġiewi:
1. dolozament, bil-ħsieb li joqtol lil Raymond Agius jew li jqiegħed il-ħajja tiegħu f’perikolu ċar wera dan il-ħsieb b’atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt billi saq vettura tal-marka Maruti Omni, bin-numru tar-reġistrazzjoni DBG 349, fid-direzzjoni tiegħu, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta’ tiegħu;

2. ikkaġuna ġrieħi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Raymond Agius, skont kif iċċertifikat Dr. Agnes Cachia Pickard M.D. mill-Isptar Mater Dei;
3. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, ġewwa Pjazza San Nikola, Siġġiewi saq il-vettura tal-marka Maruti Omni, bin-numru tar-reġistrazzjoni DBG 349, b'manjiera traskurata u perikoluza.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tas-16 ta' Diċembru, 2010 fejn iddikjara li wara li ra l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat u billi jidhirlu li tista' tinsab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub:
a. fl-artikoli 214, 215 u 218(1)(a)(2) tal-Kodiċi Kriminali;
b. fl-artikolu 15(1)(a)(2) tal-kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta; u
c. fl-artikoli 17, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali;
bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta' din il-ħtija jew ħtijiet barra kull ċirkostanza oħra.

Rat il-verbal tas-seduta tat-13 ta' Frar, 2012 fejn l-imputat ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Rat id-dokumenti eżebiti.

Rat il-verbal tas-seduta tal-10 ta' Mejju, 2012 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu a tenur tal-artikoli tal-liġi ndikati mill-Avukat Ġenerali.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukati ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tal-ewwel akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah minn din l-akkuża. Issibu ħati tal-akkużi l-oħra. Rat l-artikolu 218(1)(a)(2) tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 15(1)(a)(2) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tlett snin mil-

lum. Minbarra dan tikkundannah għal ħlas ta’ multa ta’ elf euro (€1,000). Fiċ-ċirkostanzi ta’ dan il-każ mhemmx lok għas-sospensjoni tal-liċenzja tas-sewqan ta’ l-imputat. Rat l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali u tikkundanna lill-imputat għal ħlas tas-somma ta’ elf mija u tnejn u sebgħin euro u ħmistax il-ċentesimu (€1,172.15) spejjeż inkorsi fil-ħatra ta’ periti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------